# Il-Ħadd 17.12.2017

1. Illum 17/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Bejn l-10:30am u 12:00pm, il-Banda 'San Pawl' ser tferraħ it-toroq tagħna permezz tad-daqq ta' diversi carols tal-Milied, dejjem jekk l-ajru jippermetti.
   - Filgħaxija – Tkompli n-Novena, bl-animazzjoni tkun mill-Kappillan.

   Infakkru li fil-jiem tan-Novena għandna xi qfif għand xi ħwienet tal-ikel u fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Inħeġġu wkoll li bħala parroċċa ftaħna fond biex min irid jagħti donazzjoni li wara nsarrfuha f'uħud mir-rigali b'differenza b'risq il-Missjoni, kif issuġġerit fuq il-qoxra ta' wara tal-**Flimkien** ta' dan ix-xahar.
2. It-Tnejn 18/12:
   - Fis-6:00pm – Rużarju; u fis-6:15pm – Il-Ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali;
   - L-animazzjoni tkun mill-Kummissjoni Liturġija u l-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.
3. It-Tlieta 19/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kummissjoni Djakonija u l-Grupp Kelma tal-Ħajja.
4. L-Erbgħa 20/12:
   - Fis-6:30pm – Quddiesa animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien.
   - Fis-7:15pm – Nagħmlu l-purċissjoni msejjħa *La Posada* mill-Knisja saċ-Ċentru Parrokkjali fejn inbierku u ninawguraw il-Presepju ħaj mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl. Inħeġġu lil kulmin jista' biex jattendi.
5. Il-Ħamis 21/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mil-Letturi u l-Animaturi tal-Quddies.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bit-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Abbatini.
6. Il-Ġimgħa 22/12:
   - Filgħodu, ser isir it-tindif tal-knisja. Min jista' jgħin ma joqgħodx lura u jinforma lill-helpers.
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kor 'Sine Macula'.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bis-sehem tal-Gradwati ġodda mill-Parroċċa tagħna.
7. Is-Sibt 23/12:
   - Fit-8:30am sad-9:15am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini bi preparazzjoni għall-Milied.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bl-animazzjoni tkun mill-Grupp Żgħażagħ u l-Leġjun ta' Marija.
8. Il-Ħadd 24/12, **FILGĦODU - Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom.

   Il-Ħadd 24/12, **FILGĦAXIJA - Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tiftaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm quddiesa.
   - Fil-6:00pm tibda l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM li tispiċċa fil-knisja parrokkjali stess fejn issir reċta u kant etċ.
   - Fl-10:30pm tiftaħ il-knisja u fil-11:00pm jibda programm varjat b'reċta u l-priedka tat-tifel, li jwassluna biex f'nofs il-lejl tibda l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied animata mill-Kor '*Sine Macula*'.
9. Avviżi oħra:
   - Il-Każin 'San Pawl' javża li din is-sena ser jagħti donazzjoni lid-Dar tal-Providenza bħala ġest ta' solidarjetà minflok jibgħat kartolini bl-awguri għal dawn iż-żminijiet ta' festi.
   - Il-Parroċċa għal Kattoliċi ta' lingwa Ingliża tavża li qed torganizza Kors ta' Thejjija għaż-Żwieġ bejn Jannar u Frar fis-Santwarju tal-Ħniena Divina f'San Pawl tat-Tarġa, in-Naxxar. Aktar informazzjoni mingħand Fr Charles Carabott.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 310 mill-Lotterija u l-bejgħ ta' ponsjetti b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr;
    - € 225 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa. Grazzi mill-qalb.
11. Nitolbu għal Catherine Busuttil u Paul Grech li għaddew għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa. Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...